MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 2593/1996/1

**Susan Marie Hutchinson f'isimha proprju u bhala kuratrici *ad litem* ta' uliedha minuri Sarah u Jason (amessa ghall-beneficcju tal-ghajnuna legali permezz ta' digriet nru. 82/95)**

***-vs-***

**Francis John Hutchinson u b'digriet ta' l-4 ta' Gunju 1998 l-Avukat Dottor Vincent Galea u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Francis John Hutchinson**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici *proprio et nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attrici kienet izzewget lill-konvenut fl-Ingilterra fis-17 ta' Ottubru 1974, u minn dan iz-zwieg hi kellha erbat itfal li tnejn minnhom huma maggorenni u t-tnejn l-ohra, cioe` Sarah ta' ghaxar (10) snin u Jason ta' disa' (9) snin huma minorenni;

Premess illi l-kontendenti li huma t-tnejn ta' nazzjonalita` Ingliza kienu ddivorzjaw fil-County Court ta' Coventry l-Ingilterra fl-1994, u din l-imsemmija Qorti ma tat ebda ordni la dwar il-manteniment u lanqas dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri;

Premess illi l-minuri li huma ta' nazzjonalita` Maltija jghixu ma' l-attrici;

Premess illi wara d-divorzju l-konvenut rega' zzewweg u sa Dicembru 1995 kien baqa' jhallas lill-attrici manteniment ghall-minuri;

Premess illi wara Dicembru ta' l-1995 il-konvenut kien waqaf ihallas dan il-manteniment;

Premess illi b'digriet numru 729/96 tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili tad-19 ta' Gunju 1996 (kopja annessa ma' l-att tac-citazzjoni u mmarkat Dok A), il-konvneut gie ordnat sabiex b'effett mill-5 ta' Mejju 1996 sad-19 ta' Gunju 1996 huwa jhallas lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri Lm150 (mija u hamsin lira Maltija), u s-somma ta' Lm180 (mija u tmenin lira Maltija) fix-xahar, mid-data tad-digriet sakemm tkun ghad ghaddejja l-kawza;

Premess illi permezz ta' l-istess digriet il-kura u l-kustodja tal-minuri giet fdata f'idejn l-attrici, b'access liberu u ampju favur il-konvenut;

Talbet ghalhekk l-attrici *proprio et nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tikkonferma illi l-kura u l-kustodja tal-minuri Sarah u Jason tkun fdata f'idejn l-attrici;

2. Tikkundanna lill-konvenut jissoministra lill-istanti ghall-ulied minuri tal-kontendenti retta alimentarja f'dak l-ammont u f'dawk il-modalitajiet li jidhru xierqa lil din l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici *proprio et nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-Avukat Dottor Vincent Galea u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud, kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Francis John Hutchinson, illi permezz taghha huma eccepew:-

1. Illi huma ma kienux edotti mill-fatti u rriservaw li jaghtu eccezzjonijiet ohra fi stadju ulterjuri;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess kuraturi deputati u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat id-digriet ta' l-20 ta' Settembru 1999 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi biex tigbor il-provi;

Rat in-nota konguntiva ta' l-attrici u tal-konvenuti kuraturi deputati pprezentata fis-16 ta' Mejju 2003, li permezz taghha filwaqt li ghamlu referenza ghall-verbal ta' din il-Qorti tat-28 ta' Marzu 2003, u bl-ghan li jigi rikostruwit il-process, esebew kopja tad-dokumenti kollha fil-pussess taghhom inkluza kopja ta' l-att tac-citazzjoni u tan-nota ta' l-eccezzjonijiet;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Il-provi f'din il-kawza huma pjuttost skarsi ghall-ahhar u jikkonsistu biss mix-xhieda ta' l-attrici (Seduta tas-6 ta' Marzu 2000) u dik ta' Charles Muscat (Seduta tat-23 ta' Gunju 2000), Assistant Principal fid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali li llimita` ruhu biex jipprovdi nformazzjoni dwar l-assistenza socjali li d-Dipartiment approva minn zmien ghal zmien lill-attrici;

Fid-dikjarazzjoni akkompanjanti c-citazzjoni, konfermata mill-attrici fil-precitata seduta, kienu pprovduti s-segwenti fatti:-

I. Il-koppja zzewget fl-Ingilterra fis-17 ta' Ottubru 1974. Minn dan iz-zwieg kellhom erbat itfal li tnejn minnhom, Sarah u Jason, ghadhom minorenni. Mill-prezentata tac-citazzjoni (19 ta' Awissu 1996) jidher li dawn l-ulied ghadhom ta' eta` minuri fis-sens li llum Sarah ghandha 17-il sena filwaqt li Jason ghandu 16-il sena;

II. F'xi zmien mhux precizat il-koppja, it-tnejn ta' nazzjonalita` Ingliza, gew jghixu Malta peress illi l-konvenut kellu impjieg fil-Libja;

III. Il-koppja ddivorzjat pero` il-Qorti fl-Ingilterra, li ppronunzjat id-divorzju, ma hasbet ghall-ebda ordni dwar il-kura u l-kustodja ta' l-ulied jew dwar il-manteniment taghhom;

IV. Jinghad illi l-konvenut rega' zzewweg u jidher ukoll illi fl-1996 ma baqax joqghod Malta. Invece l-attrici u uliedha minuri, li skond ma jinghad ghandhom nazzjonalita` Maltija, ssoktaw jghixu Malta;

V. Meta l-konvenut waqfilha l-manteniment, l-attrici rrikorriet lis-Sekond' Awla ghall-fissazzjoni ta' l-alimenti ghall-ulied minuri u biex tinghata l-affidament taghhom;

Ma jidherx minn ezami tac-cirkostanzi emersi f'din l-istanza, konsiderat il-fatt illi l-missier abbandunahom u

lanqas ipprovda ghas-sussistenza taghhom, illi jkun fl-ahjar interess tal-minuri illi jigi disturbat il-provvediment tas-Sekond' Awla tad-19 ta' Gunju 1996 illi permezz tieghu l-minuri thallew *pro tempore* taht il-kura u l-kustodja ta' l-attrici ommhom, li maghha jidher li minn dejjem ikkonvivew.  Jidher li dik il-Qorti dan ghamlitu bil-konfort li sabet fl-Artikolu 47 tal-Kodici Civili;

Din il-Qorti ser issegwi din l-istess linja u ghalkemm din mhix strettament azzjoni ta' firda personali ser issegwi l-hsieb traccjat fl-Artikolu 56(1) ta' l-istess Kodici Civili.  Dan qed taghmlu fuq il-konsiderazzjoni ewlenija li tqis l-ahjar "gid ta' l-ulied", gjaladarba, kif dikjarat mill-attrici, il-pronunzjament tad-divorzju ma hasebx ghal din is-sitwazzjoni;

Kif lanqas ma jidher li l-istess proceduri tad-divorzju ma hasbu dwar ir-regolamentazzjoni ta' l-alimenti versu l-ulied.  Jibqa' l-fatt pero` illi t-tfal ghandhom dritt ghal dawn l-alimenti.  In effetti bl-Artikolu 3B tal-Kapitolu 16 insibu impost l-obbligu fuq il-mizzewgin li *inter alia* jmantnu lill-ulied.  Hekk ukoll jinsab ripetut fl-Artikolu 7 ta' l-istess Kodici;

Il-Qorti ma giet provvduta bl-ebda taghrif dwar il-mezzi u kondizzjonijiet tal-konvenut biex tkun f'qaghda ahjar li tistabilixxi r-rata ta' manteniment adegwata lill-ulied in proporzjoni ghal gid tal-konvenut missierhom;

Fic-cirkostanzi ser ikollha taqa' fuq ir-rata gja ffissata u stabbilita mill-Qorti Civili, Sekond' Awla fil-precitat digriet taghha Numru 729/96, anke ghaliex ma tressqu l-ebda provi mill-partijiet la dwar varjabilita` tal-bzonn ta' l-ulied jew tac-cirkostanzi ekonomici miljorati jew peggjorati tal-konvenut obbligat li jippresta u jissomministra tali manteniment.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ l-ewwel talba u taffida l-kura u l-kustodja ta’ l-ulied minuri Sarah u Jason ahwa Hutchinson lill-attrici;

Tilqa’ wkoll it-tieni talba billi tiffissa l-manteniment dovut fl-interess ta’ l-imsemmija ulied minuri fis-somma ta’ mija u tmenin lira Maltija (Lm180) fix-xahar;

Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas ir-retta alimentarji fuq iffissata lill-attrici ghall-ulied minuri, u dan b’effett immedjat;

L-ispejjez tal-kawza jibqghu a kariku tal-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------